

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2008 — Asenbaum Fine Arts Ltd vs UASI**

(Kawża T-231/08)

(2008/C 223/85)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Asenbaum Fine Arts Ltd. (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: P. Vögel, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**Talbiet tar-rikorrenti**

— temenda d-deċiżjoni ta' l-10 ta' April 2008 tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-UASI (Każ R 1571/2006-4), billi tilqa' kompletament l-appell tar-rikorrenti tad-29 ta' Novembru 2006; alternattivament:

tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat il-każ lura lill-UASI sabiex jiġu kkompletati l-proċedimenti;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell.

**Motivi u argumenti prinċipali***Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "WIENER WERKSTÄTTE" għal prodotti fil-klassi 14 (Applikazzjoni Nru 4 207 783).*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Rifjut ta' l-applikazzjoni.*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċaħda ta' l-appell.*Motivi invokati:* ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) 40/94<sup>(1)</sup>, inkwantu t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni la hija deskrittiva u lanqas hija nieqsa minn karattru distintiv.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 11, 14.1.1994).

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2008 — MPDV Mikrolab vs UASI (ROI ANALYZER)**

(Kawża T-233/08)

(2008/C 223/86)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* MPDV Mikrolab GmbH, Mikroprozessordatenverarbeitung und Mikroprozessorlabor (Mosbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Göpfert, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell, tal-15 ta' April 2008, fil-każ R 1525/2006-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali***Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali "ROI ANALYSER" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35 u 42 (Applikazzjoni Nru 4 866 042).*Deċiżjoni ta' l-eżaminatur:* Ċaħda parzjali ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Ċaħda ta' l-appell.*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament Nru 40/94<sup>(1)</sup>, minħabba l-fatt li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mhijiex nieqsa minn karattru distintiv u għaliex m'hemmx lok li tali sinjal jinżamm għad-dispożizzjoni ta' kul-ħadd.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2008 — HPA vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-236/08)

(2008/C 223/87)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż***Partijiet***Rikorrenti:* Hoofdproductschap Akkerbouw (l-Aja, l-Olanda) (rappreżentant: R.J.M. van den Tweel)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej